MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 116/2002/1

Avviz Nru:  116/02 DM

L-Avukat Dr Louis Vella

Vs

Elizabeth Azzopardi u uliedha Sharon, Caroline u Diane ahwa Grech u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2003 giet kjamata fil-kawza Silvana Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-fond 8 Sqaq Marina numru 3, Kalkara, li huma qed jokkupaw bla ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez u b'rizerva tal-azzjoni ghad-danni ta' okkupazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet tal-kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni ma jissuperax l-ghaxar liri fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Huma kienu ghadhom jokkupaw il-post b'allokazzjoni tad-dipartiment tal-housing fejn kienu jhallsu l-kera regolarment u konsegwentement ghandhom titolu skond il-ligi;
2 Il-post kien rekwizizzjonat u konsegwentement il-pussess u d-disponibilta tal-fond kienet f'idejn il-Housing Department u konsegwentement anke jekk il-post gie *derequisitioned* gie stabbilit ir-rapport ta' kirja li hija protetta taht il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Il-kontestazzjoni tal-konvenuti fejn isosstnu li ghandhom titolu validu ta' lokazzjoni fuq il-fond in kwistjoni, hija ibbazata esklussivament fuq il-fatt illi l-fond in kwistjoni kien gie rekwizizzjonat permezz ta' 'requisition order' Numru 48689 fl-20 ta' Marzu tas-sena 1986.

Ghalhekk dak li trid tikkonsidra l-Qorti huwa x'effett setghet gabet dik ir-rekwizizzjoni fuq xi relazzjonijiet li jistghu jesitu bejn is-sid, l-attur, u l-konvenuti possessuri tal-fond.

Evidentement matul is-sehh ta’ dik ir-rekwisizzjoni d-disponibilita’ tal-fond in kwistjoni kienet esklussivament f’idejn Segrtarju tad-Djar jew id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u mhux f’idejn is-sidien. Ghalhekk matul is-sehh ta’ dik l-ordni ta’ rekwisizzjoni l-fond setgha jigi allokat lill-konvenuta flimkien ma wlieda u illi, anke wara li setghet saret din l-allokazzjoni, s-Segretarju tad-Djar jew id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali setgha, a bazi tal-ligi permezz ta’ ittra ufficjali, jitlob lis-sidien biex jirrikonnoxxu bhala inkwilina taghhom lill-konvenuta u wlieda lil min ikun alloka l-fond in kwistjoni; b’hekk biss setghet tigi kkreata relazzjoni guridika ta lokazzjoni bejn is-sid u l-okkupanti tal-fond.

Izda ebda wiehed minn dawn il-passi ma ttiehed u jirrizulta illi ghalkemm il-fond kien gie rekwisizzjonat sabiex jigi allokat lill-konvenuta, din l-allokazzjoni baqghat ma sehhitx billi l-konvenuta qatt ma waslet biex ghamlet il-proceduri sabiex issehh l-allokazzjoni formali tal-fond rekwizizzjonat lilha.

Lanqas ma jirrizulta illi ttiehed xi pass mis-Segretarju tad-djar jew mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali biex iwassal ghar-rikonnoxximent tal-konvenuta mis-sid bhala inkwilina tieghu.

Ghaldaqstant meta il-fond kien gie derekwisizzjonat permezz tal-avviz tat-18 ta’ Jannar tas-sena 2002 ebda relazzjoni guridika ma kienet giet mibdija bejn il-kontendenti b’effett tal-ordni ta’ rekwisizzjoni u lanqas ma kienet ghadha saret xi allokazzjoni tal-fond.

Ghaldaqstant il-konvenuta illum ma ghandha ebda titolu legali ghall-fond in kwistjoni u ma jezisti ebda titolu ta’ lokazzjoni favur taghha.

Inoltre stante dawn in-nuqqasijiet is-sid kien dejjem intitolat li jirrifjuta illi jaccetta xi kera minghand il-konvenuta u ghalhekk id-depositi li din setghet ghamlet taht l-awtorita tal-Qorti m’ghandhom l-ebda effett fejn jirrigwarda relazzjonijiet taghha mas-sid, l-attur.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici u  tiddikjara illi l-konvenuti u l-kjamata fil-kawza m'ghandhom ebda titolu validu fil-ligi biex jibqghu jokkupaw il-fond numru 8, Sqaq Marina numru 3, il-Kalkara, u konsegwentement tikkundannahom sabiex jizgumbraw mill-istess fond u ghal fini tal-isgumbrament il-Qorti qedgha tiffissa terminu ta' tlett (3) xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u l-kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------